MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 45/1998/1

Emmanuela Spiteri, u Emanuel Spiteri
fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju
tal-imsiefra Joanne Muscat .

vs

Michael Muscat ,
Domenic Muscat ,
Rosaria Muscat ,
Maria Theuma ,
Felicia Bugeja ,
Francis Muscat ,
l-istess Domenic Muscat b'degriet
tat-23 ta' Settembru, 1997, ġie
nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta
lill-imsefrin Adeodato Muacat, Joseph Muscat,
Mario Muscat, Margaret Xerri, u Victor Muscat .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fil-ħmistax (15) ta' Jannar tal-elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984) miet fis-Sannat Għawdex Michael Muscat iben il-mejtin Adeodato u Maria nee' Buttigieg (dok A) .
Illi fit-tlieta (3) ta' Frar tal-elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) mietet f'Victoria, Għawdex, Carmela Muscat mart l-istess Michael Muscat u bint il-mejtin Giovanni Curmi u Victoria nee' Buttigieg (Dok B) .

Illi l-istess konjuġi Muscat mietu intestati u l-eredita' tagħhom għaddiet skond il-Liġi favur ta' wliedhom il-kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom .

Illi konsegwenza ta' dan il-partijiet jippossjedu diversi beni in komun bejniethom .

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu iktar f'dan l-istat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti u minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jersqu għall-qasma bonarja .

Illi inoltre l-beni komuni qed jiġu gawduti minn ftit mill-kontendenti ad esklużjoni tal-partijiet l-oħra u bi preġudizzju għall-jeddijiet tal-istess .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta .

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejn l-imsemmija Michael u Carmela konjuġi Muscat billi jiġi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata, f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi partikolari tal-konjuġi Muscat .

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Michael Muscat billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' Michael Muscat fi tlettax-il porzjoni li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti .

6. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmija Carmela Muscat billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

7. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' Carmela Muscat fi tlettax-il porzjon li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti .

8. Kemm-il darba jirriżulta li l-beni tal-imsemmija Michael u Carmela Muscat jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ tal-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi pperċepit mill-kontendenti ugwalment bejniethom .

9. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata f'Settembru 1997 .

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Emmanuel Spiteri .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi dwar il-meritu l-esponenti jissottomettu għal ġudizzju savju ta' dina l-Onorabbli Qorti ;

2. Illi l-konvenuti ma għandhomx jiġu kkundannati jħallsu spejjeż tal-kawża odjerna stante illi huma qatt ma opponew diviżjoni konsenswali .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Dominic Muscat .

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 1998 fejn ġie nominat l-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku .

Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fit-12 ta' Settembru 2002 u minnu maħluf fl-14 ta' Ottubru 2005 . Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Jannar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom . Irriżulta mill-atti taċ-ċitazzjoni illi l-konjuġi Michael u Carmela Muscat, li mietu intestati, kellhom tlettax-il wild li huma kollha kontendenti f'din il-kawża . Għalhekk il-wirt tagħhom irid jinqasam ugwalment fi tlettax-il sehem . Mill-provi miġbura mill-perit tekniku jirriżulta illi l-uniċi beni in diviżjoni, ilkoll ġejjin mill-wirt tal-missier, Michael Muscat, huma :

1. id-dar numru 2, Triq Skerla, Sannat, Għawdex, u

2. l-art magħrufa "tal-Harruba", tkejjel 31m.k., fi Triq Skerla, Sannat, Għawdex .

Il-perit tekniku rrelata illi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti, u għalhekk għall-fini tal-likwidazzjoni li neċessarjament trid issir, sabiex il-kontendenti jkunu jistgħu jieħdu sehem minn dawn l-ereditajiet, huwa ħareġ is-segwenti stejjem :

1. id-dar fi Triq Skerla, ġiet stmata : sebgħa u disgħin elf u tlett mitt lira maltija (Lm97,300); u

2. l-art fi Triq Skerla wkoll ġiet stmata : erbat elef u ħames mitt lira maltija (Lm4500) .

Għalhekk id-diviżjoni tal-beni provenjenti lill-aħwa Muscat mill-eredita' ta' missierhom, u peress illi huwa ovvju li dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kontendenti, għandha ssir billi d-dar numru tnejn (2), Triq Skerla, Sannat, Għawdex, u l-art magħrufa "tal-Harruba" fi Triq Skerla, Sannat ukoll, indikati rispettivament fuq il-pjanti esebiti a fol. 87 u 86 tal-process, jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, sabiex ir-rikavat, imbagħad jinqasam ugwalment bejn it-tlettax-il kondivident .

Ma rriżultaw ebda assi appartenenti l-eredita' ta' Carmela Muscat, u għalhekk m'hemm xejn x'jinqasam bejn il-kontendenti .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tiċħad l-ewwel talba billi llum ma baqa' ebda skop għaliha ;

2. tiċħad it-tieni talba billi ma rriżultaw ebda beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Michael u Carmela konjuġi Muscat .

3. konsegwentement tiċħad ukoll it-tielet talba ;

4. tilqa' r-raba talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Michael Muscat billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fid-dar imsemmija, bin-numru tnejn (2) fi Triq Skerla, Sannat,Għawdex, stmata sebgħa u disgħin elf u tlett mitt lira maltija (Lm97,300), murija fuq il-pjanta esebita mill-perit tekniku a fol. 87 tal-process, u l-art fl-istess Triq magħufa bħala "tal-Harruba" tkejjel wieħed u tletin metru kwadru (31 m.k.) stmata erbat elef u ħames mitt lira maltija (Lm4500) u indikata fuq il-pjanta esebita a fol. 86 fl-istess process ;

5. tiċħad il-ħames talba billi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti ;

6. tiċħad is-sitt talba billi ma rriżultaw ebda beni appartenenti lill-eredita' tal-mejta Carmela Muscat ;

7. konsegwentemnet tiċħad ukoll is-seba' talba ;

8. tilqa' it-tmien talba billi tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-beni hawn fuq indikati, kif deskritti u stmati mill-perit tekniku, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit mill-kontendenti ugwalment bejniethom ;

9. tiċħad id-disa' talba, billi d-diviżjoni ta' l-assi ta' missier il-kontendenti trid issir permezz ta' liċitazzjoni kif ġia ngħad .

L-ispejjeż, billi din hija kawża għad-diviżjoni ta' beni provenjenti minn wirt, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti kollha .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------